# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis, 6 ta’ Dicembru 2018**

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Guramentat Numru : 694/2018LSO fl-ismijiet:-**

**Mary Victoria Pace, maghrufa bhala Victoria Pace (karta tal-identita` numru 0523662(M))**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors Guramentat tal-attrici Mary Victoria Pace, maghrufa bhala Victoria Pace datat 2 ta’ Lulju 2017 fejn bil-gurament taghha kkonfermat :-

Illi r-rikorrenti twieldet fit-tletin (30) ta' Awwissu 1962 kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid taghha bin-Numru ta' Iskrizzjoni hamest elef mitejn u sitta u tletin tas-sena elf disa' mija tnejn u sittin (5236/1962), kopja ta' liema Att tat-Twelid hija annessa u mmarkata bhala 'Dok. A';

Illi l-attrici hija maghrufa bhala 'Victoria Pace' u mhux 'Mary Victoria Pace' kif jirrizulta fost ohrajn mill-affidavit taghha kif ukoll dawk tal-qraba u hbieb taghha annessi bhala Dok B sa Dok. E, kif ukoll kif jidher mic-certifikat tal-iskola tar-rikorrenti anness bhala Dok. F u r-rikommandazzjoni ghall-impjieg mibghuta mill-Ambaxxata ta' Malta annessa bhala Dok. G.

Illi ghalhekk l-isem 'Victoria' li biha l-attrici hija maghrufa ma jikkombacjax mal-isem riprodott fl-Att tat-Twelid taghha (Iskrizzjoni 5236/1962) u dan jikkawza inkonvenjent lill-attrici kemm fil-hajja privata taghha kif ukoll f’ dik pubblika, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk hemm bzonn illi fil-kolonna fl-Att tat-Twelid tal-attrici (Iskrizzjoni Nru. 5236/1945) intitolata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", jitnehha l-isem Mary biex b'hekk ikun jaqra biss Victoria, kif fil-fatt l-attrici ilha maghrufa tul hajjitha u hija maghrufa issa.

Illi ghalhekk l-attrici tixtieq tirregola l-pozizzjoni taghha u teffetwa t-tibdil necessarju sabiex l-atti ufficjali taghha kollha jirriflettu l-kunjom li bih hija maghrufa, u dan a tenur

tal-Artiklu 253(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, prevja li din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug ta' avviz *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16, titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-attrici kienet u ghadha konsistentement maghrufa bhala 'Victoria' a tenur ta' Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Takkolji t-talba tar-rikorrenti a tenur tal-Artiklu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna illi isem l-attrici kif jidher fuq l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 5236/1962 jigi sostitwit bl-isem li bih kienet u ghadha konsistentement maghrufa l-attrici skont id-dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fuq l-ewwel talba, u cioe' 'Victoria' u mhux 'Mary Victoria', u tordna illi dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-attrici;

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu dawk il-passi kollha necessarji, sabiex ir-rikorrenti tkun ufficjalment maghrufa u rikonoxxuta bhala Victoria.

U dan taht kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 14 ta' Awwissu 2018 (fol 20) fejn l-Avukat Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :

1. Illi ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza odjerna, l-esponent jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat.

2. Illi *a tenur* tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-rikorrenti qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti d-direzzjonijiet taghha biex b'hekk isem ir-rikorrent fl-Att tat-twelid taghha jinbidel minn *'Maria Victoria'* ghal *'Victoria'.* Sabiex tissostanzja t-talba taghha, ir-rikorrenti qieghda tannetti mar-rikors guramentat, numru ta' affidavits kif ukoll att ta' dokumenti u dan kif jitlob l-istess artikolu fuq imsemmi.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti *stante* li fil-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, kien proprju missier ir-rikorrenti Oliver Albert Pace li kien iddikjara l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, inkluz l-isem tar-rikorrent, u ghal dawn il-fini huwa stess kien iffirma l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant, galadarba s-Sur Oliver Albert Pace, id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid, accetta l-informazzjoni inserita minnu fl-Att u

kkonferma illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma tieghu, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku. *Stante* dan, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

4. Illi minghajr preguddizzju, ir-rikorrenti qed titlob ukoll *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kodici Civili illi ghandha ssir tali korrezzjoni f' dawk l-Atti tal-iStat Civili relattivi kollha. Illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti ghandha tispecifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv ta' kull Att relattiv.

5. Illi ghaldastant, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi. Maghdud ma' dan, l-esponent huwa wkoll tal-umli fehma illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti l-esponenti u kwindi d-Direttur ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza odjerna. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ngunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Paul Micallef Grimaud ghall-attrici u Dr Stephanie Ellul ghall-intimat. Dr Micallef Grimaud iddikjara li ghalaq il-provi. Dr Ellul iddikjarat li m'ghandhiex provi u rrimettiet ruhha ghal decizjoni tal-Qorti salv li nsistiet fuq l-eccezzjoni taghha ghall-kap tal-ispejjez.

Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Dicembru 2018 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-12 ta' Lulju 2018 (fol 15).

Illi r-rikorrenti qed titlob li jigi korret isimha fl-att tat-twelid peress li hija maghrufa u msejha bhala "Victoria Pace" u mhux "Mary Victoria Pace".

Ikkunsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi fil-mertu r-rikorrenti ghandha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kienet u hija maghrufa konsistentement bhala "Victoria". Ghal dan il-ghan, hija esebiet certifikat tal-iskola Dok F fejn hija indikata bhala "Victoria", u rakommandazzjoni ghall-impjieg mahruga mill-Ambaxxata ta' Malta Dok G, fejn hija wkoll indikata bhala "Victoria".

Inoltre, ir-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament li dejjem kienet maghrufa u msejha bl-isem "Victoria". Bintha Andrea Cremona xehdet permezz ta' affidavit u qalet li dejjem taf lil ommha bl-isem ta' "Victoria". L-istess gie kkonfermat miz-ziju taghha George Mifsud fl-affidavit tieghu. In-Nutar Peter Corbanoro wkoll ikkonferma permezz ta' affidavit, li ilu jaf lir-rikorrenti 34 sena u dejjem jafha bl-isem "Victoria".

Illi fid-dawl ta' dawn l-affidavits u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li hija konsistentement, sa minn tfulitha, kienet maghrufa u msejha bl-isem ta' "Victoria", u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, *stante* li kif eccepit fit-tielet eccezzjoni kien missier ir-rikorrenti Oliver Albert Pace, li kien iddikjara u ffirma l-att in kwistjoni. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez.

Referibbilment ghal dak mitlub f'parti mit-tieni talba u fit-tielet talba, taqbel ma' dak eccepit fir-raba' eccezzjoni tal-intimat li din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattivi. Ghaldaqstant, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni sabiex jigi riservat ghar-rikorrenti l-possibilta' li tiddeduci talbiet ulterjuri in gudizzju jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti kienet u ghadha konsistentement maghrufa bhala "Victoria".

2. Tilqa' t-tieni talba limitatament ghall-Att tat-twelid tar-rikorrenti, numru 5236/1962 billi l-isem "Mary Victoria" ghandu jigi sostitwit bl-isem "Victoria".

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont **l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** sabiex fiz-zmien li trid il-Ligi ssir id-debita korrezzjoni hawn fuq ordnata.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**6 ta' Dicembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Dicembru 2018**